............................................. ............................................

Prim Ministru

Ministru għall-Ambjent, it-Tibdil fil-Klima u l-Ippjanar

.............................................

Chairperson
Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi

**A.L ______tal-2021**

**ATT DWAR IL-PROTEZZJONI TAL-AMBJENT (KAP. 549)**

**Regolamenti tal-2021 dwar l-Ilma ta' Taħt l-Art (Projbizzjoni ta' Skargar għal ġo Korpi tal-Ilma ta' taħt l-Art)**

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 54 u 55 tal-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent, il-Ministru għall-Ambjent, it-Tibdil fil-Klima u l-Ippjanar, wara konsultazzjoni mal-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

**1.** (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2021 dwar l-Ilma ta' Taħt l-Art (Projbizzjoni ta' Skargar għal ġo Korpi tal-IIma ta' taħt l-Art). Titolu u għan.

(2) L-għan ta' dawn ir-regolamenti hu li tiġi stabbilita projbizzjoni legali ta' skargar ta' sustanzi li jniġġżu ġo korp ta' ilmata' taħt l-art.

**2.** (1) F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal- kliem ma teħtieġx xort' oħra: Tifsir.

"Att" tfisser l-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent; Kap. 549.

"akwifer" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħtija lilha fir-Regolamenti dwar Pjan ta' Azzjoni fil-Qafas tal-Politika tal-Ilma; L.S. 549. 100.

"Awtorità" tfisser l-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi kif stabbilita fl-Att;

"inħawi mħarsa" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħtija lilha fir-Regolamenti dwar Pjan ta' Azzjoni fil-Qafas tal-Politika tal-Ilma; L.S. 549. 100.

"korp ta' ilma ta' taħt l-art" għandu jkollha l-istess tifsirakif mogħtija lilha fir-Regolamenti dwar Pjan ta' Azzjoni fil-Qafas tal-Politika tal-Ilma; L.S. 549. 100.

"skargar dirett għal ġol-ilma ta' taħt l-art" tfisser l-iskargar ta' sustanzi li jniġġżu ġo kwalunkwe korp ta' ilma ta' taħt l-art mingħajr perkolazzjoni fil-ħamrija jew fil-ħamrija ta' taħt, u għal fini ta' dawn ir-regolamenti għandha tinkludi ukoll kwalunkwe skargar ta' sustanzili jniġġżu l-wiċċ tal-art u, jew fi kwalunkwe punt li jkun vertikalment iktar profond minn nofs id-distanza bejn il-wiċċ tal-art u l-eqreb *water table* f'dak il-punt;

"skargar indirett għal ġol-ilma ta' taħt l-art" tfisser l- introduzzjoni ġo kwalunkwe korp ta' ilma ta' taħt l-art wara perkolazzjoni fil-ħamrija jew fil-ħamrija ta' taħt, u għal fini ta' dawn ir-regolamenti għandha tfisser kwalunkwe skargar ta' sustanzi li jniġġżu fil-wiċċ tal-art u, jew fi kwalunkwe punt li jkun vertikalment inqas minn nofs id-distanza bejn il-wiċċ tal-art u l-eqreb ilma ta' taħt l- art f'dak il-post;

"sustanzi li jniġġżu" tfisser kwalunkwe sustanza li tista' tikkawża inkwinament, kif indikati fl-Iskeda;

"Pjan tal-immaniġġar tal-catchment tal-ilma" tfisser il-pjan imfassal għal Malta Water Catchment District, skont id- dispożizzjonijiet tar-regolament 13 tar-Regolamenti dwar Pjan ta' Azzjoni fil-Qafas tal-Politika tal-Ilma; L.S. 549. 100.

"*water table*" tfisser il-limitu ta' fuq taż-żona;

"żona ta' salvagwardja" tfisser parti minn inħawi mħarsa illi hija soġġetta għal miżura addizzjonali għal protezzjoni tal-ilma intenzjonat għall-konsum uman, u għanda tikkonsisti minn kwalunkwe żona bħala indikata fil-pjan tal-immaniġġar tal-catchment tal-ilma;

"żona ta' saturazzjoni" tfisser dik il-parti ta' akwifer li fiha l- fetħiet kollha interkonnessi fil-formazzjoni ġeoloġika huma kompletament mimlija bl-ilma.

Reati u piena. **3.** (1) Kull persuna li twettaq, jew tikkawża li titwettaq,

kwalunkwe attività li tikkonsisti jew tirriżulta fi skargar ta’ sustanzi li jniġġżu dirett għal ġol l-ilma ta’ taħt l-art għandha tkun ħatja ta’ reat u għandha, meta tinstab ħatja teħel priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sitt (6) xhur jew multa ta’ mhux iżjed minn elf euro (€1,000).

(2) Kull persuna li twettaq, jew tikkawża li titwettaq, kwalunkwe attività ta’ rimi jew tfigħ għall-iskop ta’ rimi, liema attività tikkonsisti, jew tirriżulta fi, jew tista’ twassal għall-, iskargar indirett tas-sustanzi li jniġġżu għal ġol-ilma ta’ taħt l-art għandha, sakemm l- attività ma kinitx espressament awtorizzata jew permessa, tkun ħatja ta’ reat u għandha, meta tinstab ħatja teħel priġunerija għal żmien ta’ mhux iżjed minn tliet (3) xhur jew multa ta’ mhux iżjed minnn seba’ mija u ħamsin euro (€750).

(3) Kull persuna li twettaq kwalunkwe attività illegali msemmija fis-subregolamenti (1) jew (2) fejn l-iskargar għal ġol-ilma ta’ taħt l-art isir ġewwa żona ta’ salvagwardja ta’ ilma ta’ taħt l-art, għandha, meta tinstab ħatja teħel priġunerija ta’ żmien mhux inqasminn sitt (6) xhur u mhux iżjed minn tnax (12)-il xahar jew multa ta’ mhux inqas minn ħamest elef euro (€5,000) u mhux aktar minn għaxart elef euro (€10,000).

(4) Il-Qorti tista’, minkejja kull piena li tista’ timponi fuq il-ħati taħt is-subregolamenti (1) sa (3), tordna d-dekummissjonar u, jew is-siġillar ta’ kwalunkwe struttura jew infrastruttura li tinsab fuq jewtaħt l-art użata fit-twettiq tal-attività a spejjeż tal-ħati, u tista’ ukoll tordna l-konfiska ta’ kwalunkwe apparat użat fit-twettiq tal-attività msemmija:

Iżda meta l-attività deskritta fis-subregolament (2) issir fuq wiċċ l-art, il-Qorti għandha, minkejja kwalunkwe piena li tista’ timponi fuq il-ħati, tordna kwalunkwe rimedjar ambjentali neċċesarja inkluż kwaukwe tneħħija u rimi meħtieġa a spejjeż tal-ħati.

(5) Minkejja d-dispożizzjonijiet tas- subregolamenti (1) sa (3) kwalunkwe attività diretta lejn l-iċċarġjar artifiċjali mill-ġdid jew żieda tal-korpi tal-ilma ta’ taħt l-art skont il-paragrafu (f) tas- subregolment (3) tar-regolament 12 tar-Regolamenti dwar Pjan ta’ Azzjoni fil-Qafas tal-Politika tal-Ilma li għaliha nħarġet awtorizzazzjoni minn qabel ma għandhiex tikkonstitwixxi reat. L.S. 549. 100.

Applikabbiltà tal-Kodiċi Kriminali. Kap. 9.

**4.** (1) Id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 23 u 30(1) tal-Kodiċi Kriminali għandhom, *mutatis mutandis*, japplikaw għal proċeduri, fir-rigward ta’ reati kontra dawn ir-regolamenti, b’dan illi l-iskwalifika milli persuna jkollha jew tikseb xi liċenzja, permess jew awtorità ma għandha fl-ebda każ tkun ta’ żmien inqas minn sena (1).

(2) Id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 121D u 248E(4) tal-Kodiċi Kap. 9.

Kriminali għandhom *mutatis mutandis* japplikaw għal kwalunkwe reat taħt dawn ir-regolamenti.

---

SKEDA
(regolament 2)

Sustanzi li jniġġżu għal fini ta' dawn ir-regolamenti

Is-segwenti għandhom jitqiesu bħala sustanzi li jniġġżu għall-fini ta' dawn ir-regolamenti:

(a) Dawk is-sustanzi elenkati taħt l-Iskeda VIII tar-Regolamenti dwar Pjan ta' Azzjoni fil-Qafas tal-Politika tal- Ilma;

(b) Dawk is-sustanzi li jniġġżu elenkati taħt l-Ewwel Skeda tar-Regolamenti dwar il-Protezzjoni tal-Ilma ta' Taħt l-Art Kontra t-Tniġġiż u d-Deterjorament;

(ċ) Dawk is-sustanzi jew indikaturi tat-tniġġiż referiti fil-punti 1, 2, u 3 tal-Parti B tat-Tieni Skeda tar-Regolamenti dwar il-Protezzjoni tal-Ilma ta' Taħt l-Art Kontra t-Tniġġiż u d-Deterjorament;

(d) Sħana (għajr jekk l-attività tirriżulta fi skariga ta' sħana ġiet espressament awtorizzata jew permessa);

(e) Kwalunkwe sustanza oħra f'konċentrazzjoni li taqbeż l-livelli naturali tal-isfond tal-korp li jirċievi l-ilma ta' taħt l-art.